MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 392/2007

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Anthony Bonnici**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta` April, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` seba` mija u tletin lira, sitta u erbghin centezmu
(Lm 730.46), rapprezentanti bilanc ta` prezz dovut fuq contract number 1010503, rigwardanti servizzi rezi fix-xhur ta` bejn Awissu u Dicembru, 2006.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 27 ta` Frar, 2007 u ta` mandat ta` sekwestru prezentat kontestwalment ma` dana l-att u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduti mizmuma.

Ra li s-socjeta` attrici pprezentat nota ta` cessjoni ghar-rigward is-sorte fis-seduta tat-28 ta` Settembru, 2007, filwaqt li zammet ferm il-kap ta` l-ispejjez.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-konvenut baqa` ma deher qatt u ma kkontesta ebda sejha ta` hlas mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tat-talba ghas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta` din l-istanza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------